**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 6 ta' Diċembru 2022**

**Rikors Nru. 117/2022 GM**

**Dr Joelle Cortis [K.I. 164187M]**

**vs**

**Perrine Marie Louise Lydie Eulalie Bourgias [K.I.0165894A]**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Dr Joelle Cortis li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

1. Ir-rikorrenti sellfet *brevi manu* l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) lill-intimata;

2. Il-partijiet ffirmaw ftehim (kopja annessa u mmarkata bħala Dok A) fejn il-partijiet iddikjaraw li l-intimata, bħala Debitriċi, għandha tħallas l-ammont ta' ħamsa u għoxrin elf ewro (€25,000) lir-rikorrenti bħala Kreditriċi, liema dejn il-partijiet qablu huwa ċert, likwidu u dovut;

3. Fl-istess ftehim, il-partijiet qablu li d-Debitriċi, u cioe' l-intimata, għandha tħallas lill-Kreditriċi, ir-rikorrenti, is-somma ekwivalenti għal ħamsa fil-mija (5%) tal-

qligħ net mill-kera kif ġġenerat mill-bini f’San Ġiljan bl-indirizz Akuna, Birkirkara Road, STJ1301, San Ġiljan, li jikkonsisti minn ħdax (11) -il unit residenzjali, spazju tal-uffiċċju wieħed (1), u seba' (7) garaxxijiet, liema qligħ għal sena waħda m'għandhiex tkun iktar baxxa minn ħamsin elf ewro (€50,000), u li l-intimata se tipprovdi r-rikorrenti bil-financial statements auditjati kollha u dħul li jkun awditjat minn accountant appuntat mill-intimata;

4. Il-partijiet qablu fl-istess ftehim li din is-somma, li għandha titħallas kull tliet xhur sal-ewwel ġurnata ta' Mejju tas-sena elfejn u għoxrin, m'għandhiex tkun inqas minn elfejn u ħames mitt ewro (€2,500);

5. Sal-ġurnata tal-preżentata ta' dan ir-rikors maħluf, l-intimata ħallset lir-rikorrenti s-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000) biss;

6. Għaldaqstant, il-bilanċ tas-self li għadu ma tħallasx huwa ta’ ħmistax-il elf ewro (€15,000) u dan minbarra l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) dovuti bħala rigal skont l-istess ftehim;

7. Ir-rikonenti ppreżentat ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A ta’ Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-10 ta' Jannar 2022, liema ittra għandha bħala numru ta’ referenza 4/22 (vera kopja annessa u mmarkata bħala Dok B) fejn interpellat lill-intimata sabiex tħallas dawn l-ammonti dovuti, kif ukoll mandat ta' sekwestru kawtelatorju li ġie ppreżentat kontestwalment mal-ittra uffiċjali u maħruġ fl-10 ta' Jannar 2022 bin-numru 30/2022 (vera kopja annessa u mmarkata bħala Dok C);

8. Ġiet ippreżentata nota ta' oġġezzjoni fil-25 ta' Jannar 2022 fejn l-intimata stqarret li qed tirrespinġi in toto l-pretensjonijiet tar-rikorrenti permezz t'ittra uffiċjali 166A u dana stante li l-ammont mitlub mhux dovut (vera kopja annessa u mmarkata bħala Dok D):

9. Kuntrarjament għal kif stipulat fin-nota ta' oġġezzjoni, l-intimata rrikonoxxiet mhux biss li dawn l-ammonti huma dovuti lir-rikorrenti, iżda stqarret wkoll diversi drabi li hi se tħallasha lura, kif se jirriżulta mill-provi prodotti fil-mori tal-kawża;

10. Nonostante bosta interpellazzjonijiet mir-rikorrenti, l-intimata sal-ġurnata tal-preżentata ta' dan ir-rikors maħluf baqgħet inadempjenti u dawn l-ammonti għadhom ma tħallsux;

11. Għalhekk kellhom jinfetħu dawn il-proċeduri kontra l-intimata, ai termini wkoll tal-artikolu 833A ta' Kapitlu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-intimata hija d-debitriċi tar-rikorrenti għall-bilanċ ta' ħmistax-il elf ewro (€15,000) rappreżentanti self *brevi manu* skont il-ftehim eżebit u mmarkat bħala Dok A;

2. Tiddikjara li l-intimata hija d-debitriċi wkoll għall-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) rappreżentanti rigal skont l-istess ftehim bejniethom;

3. Tikkundanna lill-intimata sabiex tħallas dawn l-ammonti kif mitluba lir-rikorrenti;

Rat illi minkejja li l-konvenuta hija debitament notifikata permezz tal-proċedura ta' affissjoni u pubblikazzjoni[1], baqgħet ma ppreżentat ebda risposta maħlufa entro t-terminu mogħti lilha mil-liġi u għalhekk għandha titqies li hija kontumaċi għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi.

Rat il-verbal tagħha tal-20 ta' Ottubru 2022[2] li permezz tiegħu tat għaxart ijiem, sabiex il-konvenuta tippreżenta nota' ta' sottomissjonijiet iżda baqgħet ma ppreżentat xejn.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

F'sitwazzjoni bħal din, l-attriċi xorta trid tipprova t-talba tagħha għaliex fl-ordinament ġuridiku tagħna, kontumaċja hija kontestazzjoni.[3] Li jfisser li l-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hix ġustifikata indipendentement mill-kontumaċja tal-konvenut.[4]

**Fatti:**

[1] Fol 42, 54 u 55
[2] Fol 56
[3] Joseph Edmond sive Jesmond Mizzi vs. Brian u Jeffrey J. Mizzi nomine, Appell, 27.03.1996.
[4] Giuseppe Wismayer vs. Giovanni Magro, Qorti tal-Kummerċ, 24 ta' Novembru, 1934 Kollez. Vol. XXIX.iii.35

Jirriżulta mill-atti proċesswali li l-attriċi silfet €25,000 lill-konvenuta permezz ta' skrittura privata.[5] F'dan il-ftehim, il-konvenuta qablet illi għandha tħallas lill-attriċi s-somma ekwivalenti għal 5% tal-qligħ net mill-kera iġġenerat mill-bini *Akuna*, Birkirkara Road, San Ġiljan li jikkonsisti minn ħdax-il unit residenzjali, spazju ta' uffiċċju u seba' garaxxijiet liema qligħ għal sena waħda m'għandux ikun iktar baxx minn €50,000 u l-konvenuta tipprovdi l-*financial statements* awditjati kollha flimkien mad-dħul li jkun awditjat minn *accountant* appuntat mill-konvenuta.

Sal-ġurnata tal-preżentata ta' dawn il-proċeduri, il-konvenuta ħallset €10,000 biss. Għalhekk il-bilanċ tas-self li għadu ma tħallasx huwa ta' €15,000 flimkien ma' €2,500 dovuti bħala rigal skont il-ftehim ta' bejniethom.

L-attriċi ppreżentat ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta fl-10 ta' Jannar 2022[6] li permezz tagħha nterpellat lill-konvenuta sabiex tħallas l-ammonti dovuti minnha u kontestwalment ippreżentat mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħrug fl-10 ta' Jannar 2022.[7] Fil-25 ta' Jannar 2022 il-konvenuta ppreżentat nota ta' oġġezzjoni li permezz tagħha rrespinġiet il-pretensjonijiet tar-rikorrenti.

Il-Qorti hija sodisfatta li l-attriċi pprovat it-talbiet tagħha sal-grad rikjest mil-liġi.

## Decide

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenuta hija debitriċi tal-attriċi għall-bilanċ ta' €15,000 rappreżentanti self *brevi manu* skont il-ftehim esebit u mmarkat bħala Dok A.

[5] Dok A a fol 6
[6] Dok B a fol 14
[7] Dok C a fol 20

2. Tilqa’ t-tieni talba u tiddikjara li l-konvenuta hija debitriċi wkoll għall-ammont ta’ €2,500 rappreżentanti rigal skont l-istess ftehim bejniethom.

3. Tilqa’ t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuta sabiex tħallas dawn l-ammonti kif mitluba mill-attriċi.

Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 166A datata 10 ta’ Jannar 2022 bin-numru 4/2022 u tal-mandat ta’ sekwestru ppreżentat kontestwalment mal-ittra uffiċjali 166A bin-numru 30/2022 a karigu tal-konvenuta.

MOQRIJA

GRAZIO MERCIECA
IMĦALLEF